MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 43/2010

**Reverendu Carmelo Abela (ID 1048747M) bhala kuratur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Michael Caruana (ID 460856M), interdett b'digriet moghti fit-30 ta' Lulju 2007 mill-Qorti Civili (sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja)**

**vs**

**Teodosio sive Dennis Baldacchino**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi r-rikorreent Michael Caruana huwa sid il-fond 32 Triq San Rokku Qormi, liema fond huwa wiret minghand il-genituri tieghu Giuseppe u Christina Caruana (vide dikjarazzjoni Causa Mortis hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi l-imsemmi Michael Caruana gie interdett permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-30 ta' Lulju 2007 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok B, u l-esponent Reverndu Carmelo Abela gie nominat Kuratur tal-imsemmi interdett Michael Caruana;

Illi l-imsemmi fond 32, Triq San Rokku Qormi kien mikri ghall-perjodu espress ta' ghaxar (10) snin lill-intimat Teodosiio sive Dennis Baldacchino permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Jannar 1997 (Dok C), liema kirja giet terminata fit-30 t'April 2007;

Illi l-intimat gie interpellat biex jizgombra l-imsemmi fond stante li qed jiddetjeni l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dana anke permezz ta' ittra legali tat-22 ta' Novembru 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok D, izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-esponent Reverendu Carmelo Abela gie awtorizzat jaghmel din il-kawza permezz ta' Digriet iehor moghti minn din l-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni Volontarja fis-16 ta' April 2008, li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok E;

Illi l-esponenti qieghed isofri danni b'telf ta' kirjiet skont is-suq hekk kif inhu llum;

Illi r-rikorrent Revernedu Carmelo Abela nomine jaf bil-fatti msemmija di *scentia propria*;

Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti nomine, l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghdin jsiru dawn il-proceduri spmmarji specjali li fihom is-sentenza ghanda tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa li jista jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrent nomine;

Ghaldaqstant, wara li jsriu d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provedimenti opportuni, jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa t-talbit tar-rikorrent nomine li qieghed jitlob li dan il-Bord joghgbu:

1. Jaqta’ u jiddeceidi l-kawza minghajr d-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Jiddikjara illi l-intimat qed jokkupa l-fond 32 Triq San Rokku Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Jordna lill-intimat jizgombra mill-fond 32 Triq San Rokku Qormi fi zmien qasir u perentorju li qed jigi lilu prefiss minn dan l-Onorabbli Bord;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tad-digriet numru 193/2008 ta’ l-Onorabbli Qorti Civili (sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja (mahrug fis-16 t’April 2008, kif ukoll tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Novembru 2007 kontra l-intimatr minn issa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Bl-ispejjes inkluzi dawn ta’ mandat ta’ sekwestru u ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorji gia pprezentati qabel llum u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smigh;

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2010 fejn il-Bord wara li semgha lill-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m’ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara li ezamina  r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrent nomine jiddikjara illi ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent nomine kif ravvizati fir-rikors promutorju u  jawtorizzah jirriprendi l-fond 32, Triq San Rokku, Qormi fi zmien xahar (1) mil-lum waqt liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------